**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru : 77/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**LPB**

**vs**

**EPB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' LPB datat 25 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) (Dok CPB 1 Anness).*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ, twieldu żewġt (2) ulied, u cioe TPB li twieled f'X, u MPB li twieled f'Y,, it-tnejn li huma għadhom minorenni.*

3. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin sa mis-sena elfejn u erbatax (2014), u sseparaw legalment permezz ta' l-att tan-Nutar Sam Abela ippubblikat nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (Dok CBP 4 anness).*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, illum il-ġurnata qegħdin jgħixu ħajja totalment separati minn xulxin.*

*5. Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment, anzi irrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment għalihom infushom, liema rinunzja hija rrevokabbli u tibqa' valida, veljanti u applikabbli irrispettivament minn kwalunkwe tibdil li jista' jkun hemm 'l quddiem fiċ-ċirkostanzi personali u finanzjarja tal-partijiet.*

*6. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment mill-komparenti raġel fil-konfront taż-żewġ (2) minuri.*

*7. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk huma sodisfatti, peress li jeżistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi, sabiex iż-żwieġ odjern jiġi maħlul.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi żmien hemm akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi.*

*U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din l-Onorobbli Qorti jogħġobha tagħti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' EPB, datat 18 ta' Marzu 2021, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

*Illi fl-ewwel lok qed jiddikjara ruhu notifikat bir-rikors iprezentat nhar il-25 ta' Frar, 2021.*

*Illi notifikat ukoll bl-Avviz ta' smigh.*

*Illi huwa minnu illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u wiehed 2001 u li minn dan iż-żwieġ twieldu zewg (2) ulied, u cioe TPB, f'X u MPB, f'Y u li konsegwentement isseparaw permezz ta' kuntratt ta' l-att tan-Nutar Sam Abela, ippublikat nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020).*

*Illi huwa ukoll minnu illi l-partijiet ilhom għalhekk legalment separati għal aktar minn sena (1), u ilhom ma jgħixux flimkien għal aktar minn sitt (6) snin.*

*Illi huwa minnu illi m'hemmx tama li l-partijiet jirrinkonċiljaw.*

*Illi huwa wkoll minnu illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.*

*Illi għalhekk jeżistu raġunjijet validi ai termini tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 66A et se, tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi ppronużjat id-divorzju bejniethom.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti m'għandu l-ebda oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti kif dedotta.*

Rat in-Noti tal-partijiet li permezz taghhom ppresentaw l-affidavit taghhom u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 16 et seqq.);
Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;
Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**LPB** xehdet (vide affidavit fol 16) illi hi zzewget lill-intimat nhar it-28 ta' April 2001 u li minn

dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, li ghadhom minorenni. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u li l-kontendenti ilhom separati de facto sa mis-sena 2014 waqt li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat nhar it-18 ta' Jannar 2020 fl-atti tan-Nutar Dr. Sam Abela. Sostiet illi mis-separazzjoni de facto sal-lum l-gurnata ma kienx hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Di piu xehdet illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment.

**EPB** xehed (vide affidavit fol 19) u kkonferma dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' April 2001, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 412/2001 ( vide Dok CPB1, certifikat taz-zwieg, a fol 4) u minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela nhar it-18 ta' Jannar 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok CPB4 a fol 7 et seqq.) izda jirrizulta illi ilhom separati de facto ghal sitt (6) snin u ghalhekk ghal aktar zmien rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Gie stabbilit illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment veru l-minorenni.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 412/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**